MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 88/2014

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655)**
f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà assikuratriċi estera Qatar Insurance Company (QIC) international LLC, kif surrogata fi drittijiet tal-assikurata tagħha Patricia Mizzi K.I. 401764(M) u
**Patricia Mizzi** K.I. 401764 (M)

**vs.**

1) **Awtorità għat-Trasport f'Malta**
2) **Kunsill Lokali Msida**
3) **Kunsill Lokali Birkirkara**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-7 ta' Frar 2014, illi permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€389.26), premess illi:

Illi ġew ikkaġunati danni lill-vettura ABL-492 proprjetà ta' Patricia Mizzi, u dan minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u żamma tajba tat-Triq il-Wied, Imsida/Birkirkara, responsabbiltà tal-konvenuti jew min minnhom;

Illi sar rapport ta' dan l-inċident lill-Pulizija liema rapport iġib in-numru PIRS II 6/M/964/2013;

Illi l-intimati ġew interpellati sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni sofferti u dan permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata f'Settembru 2013 iżda dawn ma resqux għall-aċċettazzjoni ta' responsabbiltà u ħlas tad-danni sofferti.

Illi d-danni sofferti jammontaw għal tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€389.26) u dan kif jirriżulta mill-anness rendikont u irċevuti relattivi;

Illi l-intimati jew min minnhom għandhom jiġu kkundannati minn dan it-Tribunal sabiex iħallsu s-somma ta' tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€389.26), rappreżentanti danni sofferti flimkien mal-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiż kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti illi minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta**, ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2014 fejn esponiet bir-rispett:

1. Illi l-lokalità fejn seħħ l-inċident ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità intimata;

2. Illi għaldaqstant, kull talba għall-ħlas għal danni allegatament sofferti mir-rikorrenti Patricia Mizzi u Untours Insurance Agents Ltd ma għandhomx jiġu diretti lilha;

Bl-ispejjeż.

Ra r-**Risposta tal-Kunsill Lokali Msida** ippreżentata fis-17 ta' Marzu 2014, fejn ġie eċċepiet;

Illi l-Kunsill esponenti qiegħed jikkontesta t-talbiet tar-rokorrenti u dana abbażi tas-segwenti eċċezzjonijiet;

1. Illi l-Kunsill esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-parti tat-triq fejn seħħ l-allegat incident mhix responsabbiltà tal-Kunsill Lokali Msida.

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridi jippruvaw in-ness bejn l-event dannuż u l-allegat nuqqas tal-Kunsill esponenti;

3. Illi fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost, ir-responsabbiltà għall-akkadut hija tar-rikorrenti Patricia Mizzi;

4. Illi fi kwalunkwe każ, l-ammont reklamat in via ta' Danni huwa eċċessiv u mhux ġustifikabbli;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ra illi l-**Kunsill Lokali ta' Birkirkara** konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat bl-Avviż tas-Smigħ u l-Avviż tas-Seduta, naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu u lanqas ma deher għas-seduti quddiem it-Tribunal; Għaldaqstant is-soċjeta` attriċi ippreżentat kapitolu fil-konfront tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara konvenut, u stante li dan naqas illi jirrispondih, għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tas-17 ta' Ottubru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ammont pretiż mill-atturi ġie suffiċjentement ippruvat permezz tal-irċevuti relattivi li jikkombaċaw mal-ħsara li ġarrbet il-vettura mertu tal-inċident, u li jaqblu perfettament mal-prospett fol. 13 tal-proċess li a bażi tiegħu l-atturi waslu għall-ammont minnhom pretiż.

Ikkunsidra wkoll illi r-responsabilita għall-akkadut m'hijiex tal-attriċi Mallia jew tas-soċjeta` assikuratriċi iżda ta' min jirriżulta li huwa responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb tat-triq partikolari fejn seħħ l-inċident.

Ra l-affidavit tal-attriċi u wkoll l-affidavit tax-xufier tal-vettura fejn ikkonfermaw illi l-ħsara seħħet fi Triq l-Imsida, eżattament quddiem ix-*showroom* bl-isem "Satariano".

Sema' lir-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jixhed, fejn dana wara li ġie indikat lilu l-post eżatt tal-inċident, a bażi tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Skeda 2), ikkonkluda illi l-post fejn seħħu l-ħsarat jaqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Sema' x-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, fejn dana spjega li l-Awtorita` hija responsabbli għaż-żamma tajba tat-toroq arterjali u distributorji. It-triq fejn seħħ l-inċident ma tikkwalifikax bħala triq arterjali jew distributorja u dana a bażi tal-Pjan ta' Struttura maħruġ mill-Awtorita` ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Huwa kkonferma li t-triq taqa' taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali Birkirkara.

Ra illi dawn ix-xhieda ma ġew bl-ebda mod kontradetti.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-Kunsill Lokali Birkirkara, u filwaqt illi jillibera lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u lill-Kunsill Lokali Msida mill-osservanza tal-ġudizzju qiegħed konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill Lokali Birkirkara sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€389.26), flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-Kunsill Lokali Birkirkara.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------